MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 1849/1999/1

**Michael Grech**

**Vs**

**Malcolm Robert Woolsey**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess illi fis-16 ta' April, 1999 ghal xi s-7.00 p.m., waqt li l-attur kien qed isuq car Peugeot Nru. BAR 073, proprjeta' tieghu, go Rue D'Argens, Gzira, din sfat involuta f'incident awtomobilistiku mal-car Volvo Nru. KAN 473 misjuqa mill-konvenut (Dok. 1);

Premess illi bhala konsegwenza ta’ dan l-incident, l-attur garrab danni ammontanti ghal elf hames mija u tmintax-il lira erbatax-il centezmu (Lm1,518.14) [Dok. 2 sa Dok 8];

Premess illi ghall-incident u konsegwenzjali dani kien jahti unikament il-konvenut minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti;

Premess illi l-konvenut interpellat  biex jaghmel tajjeb ghad-danni subiti mill-attur, baqa’ inadempjenti;

Ghaldaqstant l-attur talab lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportun:

1. Tiddikjarah unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku fuq riferit u ghad-danni kollha li b’konsegwenza tal-istess garrab l-attur ;

2. Tillikwida d-danni tal-attur fl-ammont ta’ elf hames mija u tmintax-il lira erbatax-il centezmu (Lm1,518.14) jew ammont verjuri occorrendo bl-opera ta’ periti nominandi ; u

3. Tikkundannah ihallas lill-attur is-somma ta’ elf hames mija u tmintax-il lira erbatax-il centezmu (Lm1,518.14) jew dak l-ammont li jigi dikjarat bhala dovut minnu in linea ta’ danni.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tal-25 ta’ Gunju 1999, dawk tal-ittra ufficjali tat-12 ta’ Lulju 1999, u dawk tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment ma dan l-att ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri, u bl-imghax legali mit-12 ta’ Lulju 1999, kontra l-konvenut li huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut** a fol. 25 tal-process  fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez fil-konfront ta’ l-

eccipjenti stante li l-incident in kwistjoni sehh unikament tort ta' l-attur innifsu meta b'imperizja, negligenza, sewqan eccessiv u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku investa lill-karozza misjuqa mill-eccipjenti;

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma kienx hemm il-possibilita' li l-eccipjenti jipprevedi l-incident minhabba l-velocita' eccessiva u s-sahha li bihom gie investit mill-vettura misjuqa mill-attur u ghalhekk ma jistax ikun responsabbli ta' l-incident;

3. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju, ghas-suespost, l-ammont pretiz huwa eccessiv u ghalhekk huwa ikkontestat;

4. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat i**l-kontro-talba tal-konvenut** a fol 28 fejn ippremetta li:

Premess illi fis-16 ta' April, 1999 ghal habta tas-7.00 p.m. l-attur rikonvenut, waqt li kien qed isuq il-vettura tal-marka Peugeot targata BAR 073 f'Rue D'Argens, il-Gzira, investa lill-vettura tal-marka Volvo targata KAN 473 proprjeta' tal-konvenut, u dak il-hin misjuqa mill-istess konvenut;

Premess illi kawza ta' dan l-incident il-vettura tal-konvenut sfat distrutta u ghalhekk l-istess konvenut sofra danni;

Premess illi l-imsemmi incident sehh unikament tort u htija, b'negligenza, traskuragni, imperizja, sewqan eccessiv, u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-attur rikonvenut;

Premess illi l-attur rikonvenut gie interpellat ghal diversi drabi sabiex jghaddi ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni kawzati minnu, izda baqa' inadempjenti;

Jghid l-attur rikonvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjara li ghall-incident awtomobilistiku li sehh f'Rue D'Argens, il-Gzira, fis-16 ta' April, 1999, bejn il-vettura tal-marka Peugeot targata BAR 073 misjuqa mill-attur rikonvenut, u l-vettura tal-marka Volvo targata KAN 473 misjuqa mill-konvenut huwa responsabbli biss l-attur rikonvenut;

2. Tillikwida, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, d-danni sofferti mill-konvenut fl-imsemmi incident;

3. Tikkundanna lill-attur rikonvenut ihallas lill-konvenut id-danni hekk likwidati.

Bir-riserva ta' kull azzjoni fil-ligi, bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-27 ta' Lulju, 1999, u bl-imghaxijiet kontra l-attur rikonvenut, ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut a fol. 29.

Rat **in-nota tal-eccezzjonijiet tal-attur** Michael Grech ghat-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenut a fol 32 fejn eccepixxa:

1. L-ewwel talba tal-konvenut ghandha tkun michuda stante li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma garax htija tal-attur eccipjent izda gara unikament tort tal-konvenut innifsu.

2. It-tieni talba ghandha ghalhekk tkun respinta billi ma hemmx danni x'jigu likwidati favur il-konvenut.

3. Isegwi li anke t-tielet talba ghandha tkun rigettata billi l-attur eccipjent m'ghandux ikun kundannat ihallas danni lill-konvenut.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra premessi mill-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**PROVI**

**P.S. 441 Louis Micallef** xehed li kien investiga l-incident in kwistjoni. Hu pprezenta d-*drivers' statement* fejn tnizzel li:

**Woolsey** *stated that he was driving vehicle KAN 473 along Enrico Mizzi Street. When he was crossing Rue D'Argens, it was all clear. There was no body. Woolsey continued saying that he intended to proceed towards Gerry Zammit Street. The other vehicle came from the middle of nowhere and all he heard was just the bump*.

**Grech** *stated that he was driving vehicle number BAR 073 along Rue D'Argens Gzira from the direction of Sliema towards the direction of Msida. When he reached near Muscat's Garage he saw a vehicle. He applied the brakes to stop, but unfortunately he dashed on vehicle KAN 473 which crossed Rue D'Argens.*

**Maria Victoria Woolsey** li kienet passigiera flimkien ma zewgha fil-karozza ikkorroborat il-versjoni ta' zewgha.

**Hadrian Agius** li kien qed isuq il-vettura tieghu fi Triq Rue D'Argens qal li meta huwa wasal fejn l-ex Empire Stadium il-karozza BAR 073 qabzithu b'manjera perikoluza u fl-opinjoni tieghu kienet *'over speeding*'. Kif din qabzithu hija baqghet diehla fil-karozza KAN 473.

**Josette Agius Bonello** li kienet passigiera fil-karozza ma zewgha Hadrian Agius ikkorroborat il-versjoni ta' zewgha.

Iz-zewg sewwieqa sofrew feriti ta' natura hafifa. Iz-zewg vetturi garrbu hsarat estensivi. Il-karozza BAR073 halliet 18.2 metri marki ta' brejkijiet. Hu irrakkomanda li jinhargu *charges* ghal *dangerous driving* u *overspeeding*.

Fit-Triq Gerry Zammit hemm STOP SIGN u anke f'Enrico Mizzi Street. Hu kien staqsa lill konvenut jekk kien waqaf

f'tarf Enrico Mizzi Street, pero' ma qallux. Forsi kien qallu li meta habat kien diga' hareg mit-triq u qabad il-karreggjata tieghu. Hu ma kienx sab point of impact.

**L-attur** xehed li kien niezel Rue D'Argens. Quddiemu ma kellux karozzi ohra. Kien ghaddej b'xi 20/30 mfs. Meta wasal fejn Muscat Motors, harget karozza minn side street minn naha ta' l-Istadium. Ibbrekja biex jevitaha pero' laqatha fin-nofs fuq il-bieba tad-driver u l-karozza l-ohra spicca mal-hajt. Hu halla *brakemarks*. Hu ma kienx ipprova jaghmel *overtaking* ghax ma kellu lil hadd quddiemu.

**Il-konvenut xehed li** *he was going to cross Rue D'Argens. He stopped in Enrico Mizzi Street at the stop sign, looked at all sides as the road is very wide and cars could come from any direction. As no vehicle was at sight he proceeded to cross over to Gerry Zammit Street, and as he got over the centre of Rue D"Argens he heard a big brake and suddenly his car was hit and spun around and his car ended with its back crashed into a building. The impact occurred when he had already crossed part of Rue D'Argens and reached the centre of the road and this is evidenced by the position of the impact on the vehicle. After the accident he was informed that the before the accident the other vehicle had overtaken another vehicle at high speed.*

*His car was a total loss. The value of the car, the year of the accident, was Lm2,500 as per insurance policy Doc. MRW12.*

**Il-mara tal-konvenut** ikkonfermat l-versjoni ta' zewgha. Hi xehdet li kemm zewgha kif ukoll hija kienet iccekkjat li ma kienx hemm karozzi gejjin miz-zewg hahat. Wara l-incident il-konjugi Agius qalulhom li l-karozza li kienet habtet maghhom, ezatt qabel l-incident, kienet qabzet il-karozza taghom b'velocita' kbira.

**Hadrian Agius** xehed li kienu ghaddejin minn fejn l-Empire Stadium. F'hin minnhom ra mill mera karozza ohra gejja warajh bi *speed* qawwi hafna, u malli ra hekk, resaq

fil-gemb biex jevita li jidhol go fih.  Malli qabizhom, ezatt ma salib it-toroq din il-vettura habtet mal-karozza tal-konvenut u dawritha u din spiccat mahbuta ma hanut. Meta saret il-habta l-karozza tal-konvenut  kienet kwazi waslet biex tidhol fi Triq Gerry Zammit. Hu ma jiftakarx jekk minn faccata kienux gejjin karozzi dak il-hin.

**Josette Agius Bonello** kkonfermat dak li qal zewgha.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**Sewqan tal-konvenut**

Fil-kaz in ezami l-incident gara bejn *main road user* (l-attur) ghaddej minn Rue D’Argens u *side road user* (il-konvenut) hiereq minn fejn Gasan (Enrico Mizzi Street) biex jaqsam Rue D’Argens u jidhol go Gerry Zammit Street. Il-hin kien 7.00 pm tas-16, ta’ April, 1999. F’dan il-kaz hemm ukoll xhieda li qabel il-habta l-attur kien issorpassa b’velocita qawwija hafna vettura ohra ghaddejja minn Rue D’Argens quddiemu.

L-attur xehed li hu ma kellux ghalfejn jaghmel sorpass billi quddiemu ma kienx hemm karozzi ohra.  Il-Qorti semghet lix xhud Hadrian Agius u lill martu u ma ssib ebda raguni ghaliex m’ghandiex temmen il-versjoni taghhom. Jigi notat li dawn kienu fuq il-post ma l-incident u anke ghamlu statement mas-surgent tal-pulizija li kien investiga l-kaz, u qalu l-istess diskors.

F’dan il-kaz, jassumi mportanza determinanti **l-istop sign** fil-punt mnejn kien hiereg il-konvenut.  Ta minn jinnota wkoll li f’’Gerry Zammit Street  fejn kien sejjer jidhol il-konvenut hemm stop sign ukoll. L-istop sign hu kjarament indikattiv ghall-konvenut li kien se jittraversa triq principali u kellu l-obbligu li jieqaf ihares biex jesplora t-triq principali u ma jirfisx fuqha jekk mhux qabel ma jkun accerta ruhu illi (a) ippermetta t-traffiku fuq it-triq principali li jghaddi u (b) li jkun jista’ jittraversa t-triq principali bla ma jtellef b’xi mod lill-utenti ta’ dik it-triq.

"*When coming from* ***a side road*** *into a main road, the driver or rider on vehicle should select such a moment as will allow him to enter the main road with safety. The Highway Code provides 'Give way to traffic on the major road. At uncontrolled crossings, unless you have a clear view of the major road in both directions, stop before entering the major road'. If there is a sign requiring traffic to halt or go slowly before entering a main road from a side road, it is an offence to disobey the sign and evidence of negligence on the part of the driver*." (The Law of Negligence, Charlesworth 2nd Edition, pages 82 et seq)

Minn naha l-ohra gie diversi drabi ritenut mill-Qrati taghna li:

**"Il-*main road user*** ghandu wkoll l-obbligu li joqghod attent imma l-grad ta' diligenza li jinkombi lilu hu ferm anqas minn dak tas-side road user ghax hu ma jkunx qieghed jiddisturba l-kors tat-traffiku, imma jkun miexi ghad-dritt. " (Ara App. Civ. **Mag. A. Stagno Navarra vs N.Saliba** Vol XLV p1 p 389; **Il-Pulizija vs G. Buttigieg et** Vol XLV11 p4 p 1198; VOl XLV1 p1 p 112; **Camilleri vs Dimech** App Civ. 27.7.91; **Portelli vs Spiteri** PA/JSP 16/12/93;PA **Gauci Maistre vs Galea** 22.2.94 JSP).

Fil-kaz in ezami, l-kawza prossima, immedjata ta' l-incident kienet il-mod inkonsult kif l-konvenut qabad u hareg minn wara s-"*stop sign"* bla ma ha l-prekawzjonijiet kollha li hu kien obbligat jiehu qabel ma johrog fuq it-triq principali li fiha l-attur certament kellu ir-*"right of way".* L-attur allura fil-konfront tal-konvenut ma kien jehtieglu jipprova xejn biex jiskolpa ruhu ghax hu kellu kull dritt jippretendi li l-karreggjata tieghu tkun ghal kollox hielsa mit-traffiku li ma kienx qed jigi bhalu misjuq fuq it-triq principali (Ghalhekk kien hemm *stop signs* fuq iz-zewg nahiet tat-triq).

Hu ta' l-akbar rilevanza l-fatt li l-konvenut hareg minn wara "*Stop sign*". Sinjal li jaghti ordni perentorju lis-sewwieq li jieqaf, u jieqaf zoptu warajh, halli jesplora t-triq u jaccerta

ruhu qabel jibda johrog li ma kienx gej traffiku fit-triq principali u li allura seta' jaghmel it-traversata kollha ta' l-inkrocju bla periklu ghalih u ghal traffiku iehor.

Il-konvenut u martu jinsistu li waqfu ma l-*istop sign*. Imma anke jekk verament f'xi hin waqfu, certament il-konvenut ma harisx, jew jekk hares, ma harisx sewwa ghax kieku kien jara lill-attur gej, aktar u aktar billi kien dalam (7.00 pm f'April) u setgha jara d-dawl ta' karozza gej. Il-konvenut kellu hemm vizwali ghat tul fid-direzzjoni mnejn kien gej l-attur, cjoe minn fejn Muscat Motors sa Savoy Hill. Kieku hares f'dik id-direzzjoni, l-konvenut kien jara l-vettura ta' l-attur gejja billi dina ma waqghetx mis-sema. Fil-fatt il-konvenut jghid li l-ewwel darba li induna bil-karozza kien mad-daqqa u ftit qabel sema *brake*. Jekk il-konvenut ma rax il-vettura ta' l-attur sewwa qabel il-habta u sewwa qabel ma beda hiereg minn wara s-"*Stop Sign*", dan ifisser li jew ma hares xejn, jew jekk hares, ma harisx sewwa. Aktar u aktar meta l-konvenut xehed li rah biss mad-daqqa u mhux qabel.

Iseqwi wkoll li bil-vizwali li kellu l-konvenut, li kienet fit-tul u li kien x'kien l-ispeed ta' l-attur, hu necessarjament kellu jarah li kieku hares u hares sewwa.

Il-konvenut u martu jinsistu li huma kienu kwazi qasmu Rue D'Argens u dahlu f'Gerry Zammit Street, izda "Il-fatt li s-side road user gie milqut meta kien ittraversa bicca sewwa mit-triq principali huwa rrilevanti" App.Krim. **Pul vs C. Balzan** 27.5.67 "Is-side road user irid jidhol gol- 'Main Road' bla ma jiehu riskji li driver prudenti ma jiehux". "Side road user ma jistax johrog go main road bl-izgiccaturi". App.Krim **Pul vs G. Gales** Vol 37 p 1108 "Meta wiehed jigi biex jaqsam it-triq b'karozza dan irid jara li ma jkunx hemm traffiku, mhux biss meta jibda jaqsam imma anke sakemm jaqsam ghal kollox". App Civ. **H. Farrugia vs R. Ripard.** 15.2.74

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li t-tort principali u l-kawza mmedjata ta' l-incident kien il-fatt li l-konvenut bhala *side road user* qasam il-*main road* minghajr id-debita prudenza.

**Sewqan attur**

Il-Qorti trid tara pero’ jekk kienx hemm htija kontirbutorja da parti ta’ l-attur u jekk hu kienx *main road abuser* kif qed jallegaw l-konvenut u x-xhud Hadrian Agius u martu.

Il-konvenut ma jafx kif kien ghaddej l-attur qabel l-incident u x’manuvra ghamel. Izda wara l-incident hu gie infurmat minn Hadrian Agius li qabel il-habta l-karozza ta’ l-attur kienet qabzet il-karozza tieghu taghom b’velocita’ kbira u hu kellu jzulilha biex jevita incident.

Kif diga’ nnotat, lill-Qorti jirrizultalha li l-attur qabel l-incident kien ghamel sorpass ta’ vettura ta’ Hadrian Agius.

Regola importantissima ghas-sorpass hi li dan ghandu jsir b'sikurezza (App. Krim. **Pul. Vs Manuel Mallia**, Kollex Vol XL111 p 1001.) Fil-Kodici dwar it-Traffiku fit-Triq, insibu r-rakkomandazzjoni Numru 71 *" Never overtake unless you are SURE that you can do so without danger to yourself or others."*

Kif gie osservat fl-Appell Krim. **Pul.vs.John Ripard.** Kollez. Vol XXXV1 p 749 il-kwistjoni ta-"overtaking" tista tiehu aspett ferm specjali fic-cirkostanzi partikolari tal-lokalita' (Ara Sec 74 tal-Kodici dwar it-Traffiku). Fosthom hemm li m’ghandux isir sorpass fejn hemm *junction*, bhala ma kien hemm fejn gara l-incident.

L-attur ghalhekk kellu obbliga gravi, u ried ikollu grad akbar ta’ attenzjoni meta jaghmel is-sorpass minhabba l-potenzjalita’ ta’ emergenza subitanea ta’ nies jew vetturi hu u jittraversa l-*junction* fejn gara l-incident.

Fil-kaz in ezami l-Qorti hi tal-fehma li kien hemm nuqqas da parti ta’ l-attur li ghazel li jaghmel il-manuvra ta’ sorpass f’dina l-*junction* kontra r-regolamenti u holoq ghalih innifsu *‘ a self-inflicted incapacity.’*

Gie allegat ukoll li l-attur kien ghaddej bi *speed* qawwi hafna qabel u meta ssorpassa. (ara xhieda ta’ Hadrian Agius).

Rigward il-principji rikonoxxuti fil-gurisprudenza *"in civilibus"* rigward l-effett ta' **velocita' ecessiv tal-'main road user'** fuq id-determinazzzjoni tar-responsabilita' tas-sinistru, gie kostantement ritenut illi waqt li l-velocita' eccessiv ghal dik regolamnetari, jekk tirrizulta pruvata, tesponi lid-driver ghall-proceduri kriminali kontra tieghu ghall-vjolazzjoni tar-regolamenti tas-sewqan appositi; tali velocita' eccessiva fiha infisha ma tistax titqies a priori bhala fattur determinanti ghar-responsabilita' ghall-incident jew kontributorju ghalih. **Irid jigi stabbilit sodisfacentement illi l-velocita' eccessiva kienet l-element determinanti li pprovoka l-incident u li tista’ titqies bhala l-kawza prossima tal-akkadut, jew li jkun kkontribwixxa  b’mod relevanti ghall-aggravament tad-danni kagjonati mill-istess sinistru.**

Fil-kaz in ezami l-Qorti hi tal-fehma li *speed* da parti ta’ l-attur kien hemm, u mhux semplicement 20/30 mfs li semma hu.  B’dan l-ispeed ma tissorpassax karozza quddiemek, tidhol go karozza ohra, igibha total loss, iddawwarha u titfahha go hajt. L-attur inoltre ghamel Lm1,518.14  hsara fil-karozza tieghu u halla 18.2 m brakemarks. Rue D’Argens qeghda go *built up area* u certament l-attur kien qed jeccedi il- 25 mfs..

Il-Qorti ghalhekk tikkonkludi li l-attur, kemm minhabba speed, kif ukoll minhabba sorpass inkonsult, ikkontribwixxa wkoll ghall incident u b’ hekk aggrava b’mod rilevanti d-danni kagjonati fl-istess sinistru.

Iz-zewg sewwieqa ghalhekk huma responsabbili ghall-incident, izda r-responsabilita’ tal-konvenut hija akbar. Ghalhekk il-konvenut ghandu  jbati ¾ tat-tort mentri l-attur ¼ tat-tort.

**Danni**

L-attur qed jitlob bhala danni s-somma ta’ Lm1,518.14 liema ammont ma giex kontestat.

Minn naha l-ohra l-konvenut xehed li l-karozza tieghu Volvo 340 tal- 1988 kienet giet inxurjata fil-1999 ghal valur ta’ Lm2,500. Il-karozza giet *beyond economic repair* u ghadha ma sewwietx. Il-valur assikurat mhux necessarjament hu l-*pre-accident value* tal-karozza, ghalhekk hu necessarju li ssir stima fl-dan l-istadju.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi

Tiddikjara li l-incident gara tort taz-zewg sewwieqa; kwantu ghal ¾ tort tal-konvenut u ¼ tort ta’ l-attur;

Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta’ Lm1,518.14;

U tiddifferixi l-kawza biex il-partijiet jindikaw zmien hmistax isem ta’ persuna li ghandha tigi nominata bhala espert biex jaghmel stima tal-vettura tal-konvenut;

U tiddifferixxi l-kawza ghall- Hamsa (5) ta’ Novembru, 2003 fid-9.15 am.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------